MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2012

Appell Civili Numru. 31/2008/2

***H. Vassallo & Sons Limited***
***v.***
**Avukat Ġenerali; Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u Korporazzjoni *Enemalta* għal kull interess li jista' jkollhom**

1. Din is-sentenza hija dwar talba magħmula mill-konvenuti l-Avukat Ġenerali, il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u l-Korporazzjoni *Enemalta* ["il-konvenuti"] biex jinstema' mill-ġdid appell maqtugħ b'sentenza ta' din il-qorti tat-30 ta' Settembru 2011, wara li titħassar dik is-sentenza għax igħidu illi applikat il-liġi ħażin u hija kuntrarja għal sentenza oħra ta' qabel (art.

811 para. (*e*) u (*h*) rispettivament tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili).

2. Bir-rikors li bih inbdiet din il-kawża quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha, is-soċjetà *H. Vassallo & Sons Limited* ["l-attriċi"], wara li fissret illi bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Arbitraġġ [Kap. 387] infetħu proċeduri ta' arbitraġġ obbliga-torju kontriha fl-ismijiet Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma *et versus H.Vassallo & Sons Limited* għall-ħlas ta' kontijiet għall-konsum ta' ilma u elettriku, talbet illi l-qorti:

i. tgħid illi l-arbitraġġ mandatorju bis-saħħa tal-art. 1.3 tar-Raba' Skeda tal-Att dwar l-Arbitraġġ fid-dawl tal-art. 15(11) tal-istess Att huwa bi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq imħares taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] u l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ["il-Konvenzjoni"] għal dawn ir-raġunijiet:

a. għax il-proċedura biex jinħgażel u jinħatar arbitru kif ukoll ir-regoli stabiliti fl-Att dwar l-Arbitraġġ ma jassi-gurawx smigħ xieraq li jirrispetta l-prinċipji ta' indipend-enza u imparzjalità kif meħtieġ għall-ħarsien tal-jedd għal smigħ xieraq;

b. għax l-impożizzjoni ta' arbitraġġ forzat iċċaħħad lill-attriċi minn aċċess għal qorti għad-determinazzjoni tad-drittijiet u l-obbligi ċivili tagħha; u

c. għax iċaħħad lill-attriċi mid-dritt għal appell sħiħ; u

ii. tagħti dawk ir-rimedji kollha li jidhrulha xierqa, fosthom billi tgħid illi l-proċeduri ta' arbitraġġ numru EW1253/2007 fl-ismijiet Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma *et versus H.Vassallo & Sons Limited* huma nulli.

3. B'sentenza mogħtija fil-11 ta' Marzu 2010 il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili qatgħet il-kawża hekk:

«… … … tiddikjara illi l-arbitraġġ mandatorju bħala effett tal-artikoli 1.3 tar-Raba' Skeda tal-Att dwar l-Arbitragg fid-dawl tal-artikolu 15(11) tal-istess Att, huwa leżiv tad-dritt għal smigħ xieraq kif protett kemm fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata fil-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kapitolu 319) … … u għaldaqstant tiddikjara illi l-proċeduri ta' arbitraġġ bin-numru EW1253/2007 fl-

ismijiet Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma *pro et noe vs H. Vassallo & Sons Limited* huma nulli.»

4. Il-konvenuti appellaw minn din is-sentenza iżda din il-qorti, b'sentenza mogħtija fit-30 ta' Settembru 2011, ċaħdet l-appell u kkonfermat is-sentenza appellata wara illi osservat illi:

«Din il-qorti, wara li qrat bir-reqqa l-atti kollha ta' din il-kawża u dawk fil-kawża ta' Joseph Muscat[1], u wara li ħasbet fit-tul dwar l-ilmenti mressqa mis-soċjetà appellata fil-kuntest tal-Kap 387 tal-Liġijiet ta' Malta, hija tal-fehma li għandha tabbraċċja s-sottomissjonijiet tas-soċjetà appellata u tagħmilhom tagħha u b'hekk tikkonkludi li arbitraġġ forzat ma joffri ebda garanziji għall-indipendenza tal-arbitru.

«… … …

«Darba stabilit in-nuqqas ta' indipendenza tal-arbitri li twassal biex l-appell jiġi miċħud u s-sentenza appellata kkonfermata jkun żejjed li din il-qorti teżamina l-element ta' imparzjalità kif ukoll l-impatt li jista' jkollhom l-ilment dwar in-nuqqas ta' aċċess għal qrati ordinarji u l-limitazzjoni tad-dritt ta' appell fuq punti ta' liġi biss u dan apparti l-fatt li bl-Att IX tal-2010 l-appell ġie estiż ukoll għall-punti ta' fatt.»

5. Il-konvenuti qegħdin issa, b'rikors tat-28 ta' Diċembru 2011, jitolbu t-tħassir tas-sentenza tat-30 ta' Settembru 2011 u s-smigħ mill-ġdid tal-appell għax qegħdin igħidu illi s-sentenza appellata applikat il-liġi ħażin u hija kuntrarja għal sentenza oħra ta' qabel (art. 811 para. (*e*) u (*h*) rispettivament tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili).

6. Dwar applikazzjoni tal-liġi ħażina l-konvenuti jgħidu hekk:

«Illi l-esponenti jirrilevaw illi din l-onorabbli qorti bbażat il-konklużjonijiet tagħha fil-kawża fl-ismijiet premessi fuq applikazzjoni ħażina tal-liġi għar-raġunjiet segwenti:

«(i) Illi l-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat id-deċiżjoni tal-ewwel onorabbli qorti li l-arbitraġġ mandatorju skont il-Kap. 387 tal-Liġijiet ta' Malta huwa leżiv tad-dritt għal smigħ xieraq kif protett bl-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

---

[1] Joseph Muscat *vs* Prim'Ministru (Q. Kost. 6 ta' Settembru 2010).

«Illi l-ilment tal-esponenti huwa li l-istess qorti ma kellhiex tapplika dawn il-provvedimenti msemmija tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea għall-każ odjern meta l-proċess innifsu tal-arbitraġġ għadu pendenti u mhux konkluż.
«Illi effettivament jirriżulta li fil-proċeduri ta’ arbitraġġ fl-ismijiet Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma *pro et noe vs H. Vassallo and Sons Ltd* (avviż nru I253/07) kien ġie nominat l-arbitru, u saru biss żewġ seduti fil-11 ta’ Diċembru 2007 u fit-12 ta’ Mejju 2008 fejn kien xehed xhud wieħed. Minkejja li wara kienu ġew iffissati xi seduti oħrajn, is-soċjetà *H. Vassallo & Sons Ltd* intavolaw il-proċeduri kostituzzjonali fl-ismijiet premessi u għalhekk l-arbitraġġ ġie sospiż indefinittivament.
«Illi jsegwi għalhekk li meta l-Qorti Kostituzzjonali fil-każ odjern applikat il-liġi għall-każ odjern injorat għal kollox il-konklużjoni tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem dwar il-kuntest tal-applikabilità tal-artikolu 6 f’każ pratikament identiku għal dak odjern, senjatament Joseph Muscat *v* Malta u li ġiet deċiża fis-6 ta’ Settembru 2011 proprju ftit ġranet qabel is-sentenza fl-ismijiet premessi.
«… … …
«Illi jsegwi għalhekk li l-onorabbli Qorti Kostituzzjonali għamlet applikazzjoni żbaljata tal-artikolu 6 (u fuq l-istess linja applikazzjoni żbaljata tal-artikolu korrispettiv 39 tal-Kostituzzjoni) meta applikathom għall-każ odjern li għadu pendenti, anzi fi stadju bikri ta’ arbitraġġ.
«Għandu jigi enfasizzat f’dan ir-rigward illi l-kliem “*has been, is being or is likely to be contravened in relation to him*” lanqas ma jfisser illi l-kawżi dwar drittijiet fondamentali tal-bniedem jistgħu jsiru *in abstracto* mingħajr ma tkun verament ikkonkretizzat ruħha jew waslet biex tikkonkretizza ruħha vjolazzjoni reali.
«Illi għalhekk l-applikazzjoni tal-artikoli in kwistjoni *in abstracto* tikkostitwixxi applikazzjoni ħażina tal-liġi.
«(ii) Illi *inoltre* u bla preġudizzju għas-suespost, meta l-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet premessi fid-deċiżjoni tagħha kkonfermat is-sentenza appellata fl-intier tagħha, fis-sens li kkonfermat il-leżjoni ta’ drittijiet fonda-mentali tas-soċjetà rikorrenti fir-rigward tan-nuqqas ta’ indipendenza u imparzjalità tal-arbitri in vista tal-proċedura tal-għażla tagħhom a tenur tal-Kap. 387 tal-

Liġijiet ta' Malta, fir-rigward tan-nuqqas ta' aċċess għal qrati ordinarji u l-limitazzjoni tad-dritt ta' appell fuq punti ta' liġi, l-istess qorti kienet evidentement qiegħda tistrieħ fuq il-provvedimenti tal-Kap. 387 li kienu viġenti qabel l-introduzzjoni tal-emendi l-ġodda tal-Att IX tal-20l0.

«Illi dan qed jingħad għax dawn l-emendi msemmija jindirizzaw proprju l-ilmenti tas-soċjetà rikorrenti fis-sens li d-dritt ta' appell ma baqax ristrett biss għal punt ta' liġi imma, proprju kif kienet qed titlob is-soċjetà rikorrenti, id-dritt ta' appell kien ġie estiż anke fuq punti ta' fatti; illi wkoll saru emendi dwar il-mod kif jinħatar l-arbitru u dwar l-aċċess għal qrati.

«Illi għalhekk, fil-fehma umli tal-esponenti, l-applikazzjoni ħażina tal-liġi mill-Qorti Kostituzzjonali fil-każ odjern saret fis-sens li għall-kawża kostitizzjonali odjerna hija applikat liġi minflok oħra, senjatament applikat liġi li ma kinitx għadha ġiet emendata mentri kellha tapplika l-liġi kif ġiet emendata, u kif applikabbli anke fil-konfront tas-soċjetà rikorrenti fil-mument tad-deċiżjoni tal-kawża kostituzzjonali bil-konsegwenza li kellu għalhekk isegwi li ma kellux jinstab li l-istess liġi kif emendata kienet b'xi mod tilledi d-drittijiet fundamentali tas-soċjetà rikorrenti u illi kull meritu tal-kawża kostituzzjonali li seta' kien hemm meta din ġiet intavolata kien eżawrit sakemm waslet biex tingħata s-sentenza f'dik il-kawża.»

7. Dwar li s-sentenza hija kontra sentenza oħra ta' qabel li hija *res judicata* l-konvenuti jgħidu hekk:

«Illi *inoltre* l-esponenti jitolbu li din l-onorabbli qorti għandha tordna ritrattazzjoni ukoll a bażi tal-artikolu 811(*h*) li jakkorda ritrattazzjoni f'każijiet fejn "is-sentenza tkun kuntrarja għal sentenza oħra ta' qabel, deċiża bejn l-istess partijiet, fuq l-istess oġġett, u li għaddiet f'ġudikat, basta li l-eċċezzjoni ta' *res judicata* ma tkunx ġiet mogħtija u deċiża".

«Illi dan jingħad fis-sens li s-sentenza odjerna hija totalment kuntrarja għal dik mogħtija mill-onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kaz Joseph Muscat *vs* Onorevoli Prim'Ministru *et* fejn il-mertu kien identiku, il-liġi attakkata kienet identika u l-intimat kien l-istess Gvern. Illi anke jekk f'dak il-każ il-partijiet intimati kienu jiffurmaw dekasteri differenti, kollha kemm huma jaqgħu taht il-kappa wiesgħa tal-Gvern għax huma parti mill-Gvern.

«Illi f'dak il-każ, ftit żmien biss qabel il-każ odjern, l-istess Qorti Kostituzzjonali, anke jekk diversament preseduta, kienet waslet għal konklużjoni opposta għal dik tal-każ odjern, u dan dwar l-istess provvedimenti tal-Att dwar l-Arbitraġġ (Kap 387).

«Illi għalhekk jidher ċar li l-kawża odjerna qed tikkrea dak l-istat ta' inċertezza tad-dritt illi l-artikolu 811(*h*) huwa dirett biex jevita. Ċertament li ma huwiex konsentit u li lanqas ma huwa konformi mad-dritt għas-smigħ xieraq illi f'temp daqshekk qasir, f'kawża kontra l-Gvern, fuq l-istess liġi u fuq ilmenti identiċi, l-istess Qorti Kostituzzjonali tasal għal deċiżjoni tant konfliġġenti u djametrikament opposti għal xulxin.

«Illi fil-fatt il-kawża <u>Joseph Muscat *vs* Prim'Ministru</u> kif deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-6 ta' Settembru 2010 hija ormai *res judicata,* kif anke konfermat wara d-dikjarazzjoni ta' inammissibilità tal-applikazzjoni ta' Joseph Muscat quddiem il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem … … …

«Illi dwar ir-rekwiżit tal-artikolu 811(*h*) li jgħid illi l-kawża trid tkun tikkonfliġġi ma' kawża ohra 'bejn l-istess partijiet' l-esponent jissottometti illi meta *si tratta* min-nullità ta' liġijiet dan ir-rekwiżit għandu jiġi applikat bħala li jfisser 'b'referenza għall-istess liġi' għax il-liġijiet jorbtu jew ma jorbtux lil kulħadd u mhuwiex aċċettabbli stat ta' inċertezza tad-dritt fejn illum liġi tiġi dikjarata li hija kostituzzjonali, għada li mhijiex, pitgħada li hi *etc*. Meta ċittadin jaġixxi b'kawża kostituzzjonali dwar in-nullità ta' liġi huwa fil-fatt qiegħed jaġixxi f'isem u għall-benfeċċju tal-komunità kollha u għalhekk il-ħtieġa illi fil-kawża irid ikun hemm l-istess partijiet ma tistax tapplika għall-każ ta' kawżi dwar l-inkompatibilità ta' liġijiet mad-drittijiet fondamentali għax f'din il-materja huwa immaterjali l-fatt illi l-kawżi jkunu saru minn individwi differenti.»

8. Ngħaddu issa biex inqisu wieħed wieħed l-aggravji tal-konvenuti.

**Applikazzjoni tal-Liġi Ħażina – l-Applikabilità tal-art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-art. 6 tal-Konvenzjoni**

9. L-ewwel ilment tal-konvenuti huwa dwar il-fatt illi l-qorti sabet illi l-art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-art. 6 tal-Konvenzjoni japplikaw għall-każ għalkemm l-arbitraġġ għadu pendenti u għalhekk l-applikazzjoni ta' dawk id-

dispożizzjonijiet tal-liġi għall-każ tallum hija prematura. Il-konvenuti f'dan il-kuntest jagħmlu referenza għal dak li qalet il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ta' Muscat *v.* Malta li wkoll kien dwar jekk l-arbitraġġ obbligatorju huwiex bi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq. Il-qorti kienet qalet hekk:

«*… … … the Court notes that the original case about which the applicant is complaining is pending before the Arbitration Tribunal. The Court recalls that his allegations should be examined in the light of all the circumstances of the case. Accordingly, it would be premature to deal with such matters before the Arbitration Tribunal and, if necessary, the domestic courts (through an appeal) have finally determined the civil rights at issue. Thus, the Court considers that the applicant cannot at this stage claim to be a victim of a violation of the above provision.*»

10. Dawn tallum iżda ma humiex proċeduri ta' appell mis-sentenza attakkata. Il-kwistjoni quddiem il-qorti llum ma hijiex jekk is-sentenza attakkata applikatx ħażin il-liġi tajba iżda jekk applikatx liġi ħażina, *i.e.* liġi flok oħra. Huwa għalhekk illi l-art. 816 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jrid illi "meta r-raġuni hija l-applikazzjoni ħażina tal-liġi, l-attur għandu jsemmi l-liġi li kien imissha ġiet applikata".

11. Fil-każ tallum, meta l-meritu tal-kawża kien proprju dwar jekk kienx hemm ksur tal-art. 39 tal-Kostituzzjoni u tal-art. 6 tal-Konvenzjoni, diffiċli tifhem kif il-qorti kien missha applikat liġi oħra flok dawk id-dispożizzjonijiet, u fil-fatt il-konvenuti ma jsemmu ebda liġi oħra "li kien imissha ġiet applikata" kif irid l-art. 816.

12. Il-qorti sabet, tajjeb jew ħażin, illi l-fatti tal-każ iwasslu għal ksur ta' dawk id-dispożizzjonijiet tal-liġi u ma ntweriex illi kellha tiġi applikata xi liġi oħra minflok. Għalhekk ma jistax jingħata t-tħassir tas-sentenza għal din ir-raġuni.

**Applikazzjoni tal-Liġi Ħażina – l-Applikabilità tal-Att dwar l-Arbitraġġ qabel ma kien emendat bl-Att IX tal-2010 jew wara li ġie hekk emendat**

13. Il-konvenuti jgħidu illi kien hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi wkoll għax il-qorti sejset il-konsiderazzjonijiet tagħha fuq l-Att dwar l-Arbitraġġ kif kien qabel l-emendi magħmula bl-Att IX tal-2010, meta

kien imissha applikat l-Att kif emendat. Dwar dan l-aggravju, l-attriċi twieġeb hekk:

«L-esponenti tissottometti bir-rispett illi quddiem il-Qorti Kostituzzjonali l-partijiet għamlu sottomissjonijiet mhux biss fuq il-liġi applikabbli għall-każ u *cioè* l-Att dwar l-Arbitraġġ qabel l-emendi li saru bl-Att IX tal-2010 iżda saħansitra ukoll ressqu sottomissjonijiet anke fuq il-proċeduri kif emendati bl-Att IX tal-2010. Ghalhekk ma huwiex korrett li r-ritrattandi jippretendu li tali emendi kienu skartati mill-Qorti Kostituzzjonali.

«Però anke kieku għall-grazzja tal-argument wieħed kellu jsib li dawn ġew skartati, ir-ritrattandi qegħdin jippretendu li l-Qorti Kostituzzjonali kellha tapplika liġi li ma kinitx *in vigore* fiż-żmien li ingħatat. Is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali ingħatat fit-30 ta' Settembru 2011. L-Att IX tal-2010 ġie ippubblikat fit-2 ta' Lulju 2010 iżda skond l-artikolu 2(2) tal-istess Att l-emendi ma daħlux fis-seħħ mal-ewwel iżda kellhom jidħlu fis-seħħ f'dawk id-dati li l-Ministru responsabbli għall-ġustizzja kellu jistabbilixxi f'Avviż Legali. Hemm tliet Avviżi Legali li iffissaw dati differenti għad-dħul fis-seħħ ta' artikoli differenti. L-ewwel li ddaħħlu fis-seħħ kienu l-artikolu 18(*ċ*), 18(*d*), 20 sa 31 u dan fl-14 ta' Jannar 2011 permezz tal-Avviż Legali 10 tal-2011. Fl-10 ta' Novembru 2011 iddaħħlu fis-seħħ l-artikoli 6, 7(*a*), 8 sa 16 permezz tal-Avviż Legali 448 tal-2011. L-artikoli 2 sa 5 kif emendati iddaħħlu fis-seħħ fil-11 ta' Novembru 2011 permezz tal-Avviz Legali 451 tal-2011.

«Meta wieħed jikkunsidra l-emendi li gew introdotti bl-Att IX tal-2010 huwa ċar li l-artikoli dwar il-ħatra tal-Bord (artikolu 4, 6 u 8), dwar il-passi li ċ-Ċentru jista' jieħu fil-konfront tal-arbitru (artikolu 10), l-introduzzjoni tal-appell quddiem il-Qorti tal-Appell (artikolu 15), huma kollha emendi li daħlu fis-seħħ wara li ngħatat is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali. Is-sentenza ngħatat fit-30 ta' Settembru 2011 u dawn daħlu fis-seħħ fl-10 u l-11 ta' Novembru 2011.»

14. Kif sewwa tgħid l-attriċi, meta ngħatat is-sentenza appellata fit-30 ta' Settembru 2011, kien daħlu biss fis-seħħ, sa mill-14 ta' Jannar 2011, l-artt. 18(*ċ*) u (*d*), u 20 sa 31 tal-Att IX tal-2010 (u mhux tal-Att dwar l-Arbitraġġ innifsu) bis-saħħa tal-Avviż Legali 10 (kif emendat bl-Avviż Legali 60) tal-2011. Dawn l-emendi ma kinux jolqtu l-Att

dwar l-Arbitraġġ iżda l-Att dwar il-Medjazzjoni (li wkoll kien emendat bl-Att IX tal-2010).

15. Għalhekk, billi, fiż-żmien meta ngħatat is-sentenza, l-Att dwar l-Arbitraġġ kien għadu ma ġiex emendat, ma jistax jingħad illi s-sentenza attakkata, meta għamlet il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar dak l-Att kif kien qabel l-emendi, applikat il-liġi ħażina. Lanqas għal din ir-raġuni, għalhekk, ma jista' jingħata t-tħassir tas-sentenza.

**Sentenza Kuntrarja għal Sentenza oħra ta' Qabel li għaddiet f'Ġudikat**

16. Il-konvenuti jgħidu wkoll illi s-sentenza attakkata għandha titħassar, taħt l-art. 811(*h*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, għax kuntrarja għas-sentenza mogħtija minn din il-qorti fis-6 ta' Settembru 2010 fil-kawża fl-ismijiet <u>Joseph Muscat *vs* Prim'Ministru</u> li wkoll kienet dwar jekk l-arbitraġġ obbligatorju huwiex bi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq. F'dik is-sentenza l-qorti kienet sabet illi ma kienx hemm ksur.

17. Biex sentenza tista' titħassar taħt l-art. 811(*h*) trid "tkun kuntrarja għal sentenza oħra ta' qabel, deċiża bejn l-istess partijiet, fuq l-istess oġġett, u li għaddiet f'ġudikat, basta li l-eċċezzjoni ta' *res judicata* ma tkunx ġiet mogħtija u deċiża".

18. Tassew illi dik il-kawża kienet dwar l-istess materja u waħda mill-partijiet kienet, bħal fil-kawża tallum, il-Gvern ta' Malta. L-attriċi tallum iżda ma kinitx parti f'dik il-kawża u għalhekk is-sentenza attakkata ma tistax titqies waħda "deċiża bejn l-istess partijiet".

19. Il-konvenuti iżda jgħidu illi "meta *si tratta* min-nullità ta' liġijiet dan ir-rekwiżit għandu jiġi applikat bħala li jfisser 'b'referenza għall-istess liġi' għax il-liġijiet jorbtu jew ma jorbtux lil kulħadd".

20. Dan l-argument huwa msejjes fuq l-art. 6 tal-Kostituzzjoni li jgħid illi "jekk xi liġi oħra tkun inkonsistenti ma' din il-Kostituzzjoni, din il-Kostituzzjoni għandha tipprevali u l-liġi l-oħra għandha, safejn tkun inkonsistenti, tkun bla effett".

21. Bla ma nidħlu fil-kwistjoni jekk dan l-artikolu għandux relevanza fil-każ tallum, fejn is-sentenza ta' qabel sabet illi l-liġi safejn timponi arbitraġġ obbligatorju hija konsistenti, u mhux inkonsistenti, mal-Kostituzzjoni,

huwa relevanti wkoll dak li jgħid l-art. 116 tal-Kostituzzjoni dwar "azzjonijiet dwar validità ta' liġijiet":

**116.** Dritt ta' azzjoni għal dikjarazzjoni li xi liġi tkun invalida għal xi raġunijiet ħlief inkonsistenza mad-disposizzjonijiet tal-artikoli 33 sa 45 ta' din il-Kostituzzjoni tkun tappartjeni lill-persuni kollha mingħajr distinzjoni u persuna li ġġib azzjoni bħal dik ma tkunx meħtieġa turi xi interess persunali b'appoġġ għall-azzjoni tagħha.

22. L-azzjoni tallum u dik fl-ismijiet Joseph Muscat *vs* Prim'Ministru deċiża minn din il-qorti fis-6 ta' Settembru 2010 ma humiex *actio popularis* dwar il-validità ta' liġi taħt l-art. 116, u għalhekk huwa meħtieġ li l-attur juri interess persunali. Konsegwenza ta' dan – billi l-qorti ma tistax tagħti *extra* jew *ultra petita* – hija illi r-rimedju mogħti għandu jkun arġinat fil-limiti tal-interess. L-interess tal-attur f'kawżi bħal dawn huwa li jingħata rimedju għall-ilment tiegħu u mhux illi l-liġi tiġi mħassra *erga omnes* għax l-attur ma jkollux interess legali fil-kawżi ta' ħaddieħor. Għalhekk l-iżjed li tista' tgħid il-qorti hu illi l-liġi għandha tkun bla effett fil-każ partikolari li jkollha quddiemha u mhux fil-każijiet kollha.

23. Fi kliem ieħor, f'kawża li ma tkunx kawża taħt l-art. 116 tal-Kostituzzjoni, u fejn għalhekk huwa meħtieġ illi l-attur juri interess persunali, dikjarazzjoni illi liġi hija inkonsistenti mal-Kostituzzjoni (jew, b'analoġija, mal-Konvenzjoni) għandha effett biss *inter partes*.

24. Dan ma jfissirx illi ma huwiex desiderabbli illi jkun hemm konsistenza fis-sentenzi, u mhux, kif igħidu l-konvenuti, jinħoloq "stat ta' inċertezza tad-dritt fejn illum liġi tiġi dikjarata li hija kostituzzjonali, għada li mhijiex, pitgħada li hi". Madankollu, meta ċ-ċirkostanzi jagħmluha inevitabbli illi l-istess qorti jkollha kompożizzjonijiet differenti fl-istess żmien, huwa ukoll inevitabbli li jkun hemm dawn l-inkonsistenzi.

25. Billi, għalhekk, is-sentenza fl-ismijiet Joseph Muscat *vs* Prim'Ministru mogħtija minn din il-qorti fis-6 ta' Settembru 2010 ma torbotx lill-partijiet tallum, ma jistax jingħata t-tħassir tas-sentenza taħt l-art. 811(*h*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

26. Għal dawn ir-raġunijiet, billi ma tressqet ebda raġuni li tiswa fil-liġi għat-tħassir tas-sentenza tat-30 ta' Settembru 2011 u għas-smigħ mill-ġdid tal-appell, il-qorti

tiċħad it-talbiet tal-konvenuti magħmula bir-rikors tat-28 ta' Diċembru 2011, bl-ispejjeż kontra tagħhom.

Giannino Caruana Demajo Joseph R.
Micallef Joseph Zammit Mckeon
Aġent President Imħallef Imħallef

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------